

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi C-12/03 P-DEP u C-13/03 P-DEP huma magħquda għall-finijiet tad-digriet.

- 2) L-ammont totali tal-ispejjeż li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrimborsa lil Tetra Laval BV huwa ffissat għal EUR 124 000.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni vs Spanja

(Kawża C-158/09)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/88/KE — Organizzazzjoni tal-
ħin tax-xogħol — Persunal mhux ċivili tal-amministrazzjoni pubblika —
Nuqqas ta’ traspożizzjoni fit-terminu previst”

*Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja —
Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-
terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE; Direttiva tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill 2003/88) (ara l-punti 7-10)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikolu 1(3) tad Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381), u tal-Artikolu 18(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat 23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197), miżmum permezz tal-Artikolu 27(1) tad Direttiva 2003/88, moqri flimkien mal-Parti B tal-Anness I tal-istess direttiva - Persunal mhux ċivili tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, f'dak li jirrigwarda l-persunal mhux ċivili tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu taħt l-Artikolu 1(3) tal-imsemmija direttiva.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.